# Leħen il-Punent

Diċembru 2008 - Jannar 2009
Nru. 20




# €569,715
## f'fondi mill-Unjoni Ewropeja




MERCIECA
Financial Investment Services Limited

JOHN F. KENNEDY SQUARE, VICTORIA, GOZO.
TEL / FAX: 21 553892 • MOBILE: 9945 0477
E-MAIL: alexmerc@maltanet.net

*Servizz Personali*

Licensed to conduct investment services business by the Malta Financial Services Authority

# Leħen il-Punent

Ħarġa Speċjali ta' Kull Sena

Diċembru 2008 - Jannar 2009 • Nru. 20





Rivista maħruġa mill-
**KUNSILL LOKALI GĦARB**
Triq il-Viżitazzjoni, Għarb GRB1044
Tel: 21 560556 • Fax: 21 562727
E-mail: gharb.lc@gov.mt



**~ KUNSILL LOKALI GĦARB ~**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **David Apap Agius** |
| **Viċi-Sindku:** | **Raymond Cassar** |
| **Kunsilliera:** | **Dimitrius Agius** |
| | **Carmen Vella** |
| | **Sunta Camilleri** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Joanne Attard** |
| **Skrivana:** | **Emily Amatulli Depasquale** |


Kull Korrispondenza għandha tintbagħat lill-"Leħen il-Punent" Kunsill Lokali Għarb

Fil-qoxra tal-fuljett insibu pubbliċità li bdejna nagħtu lill-proġett ta' Wied il-Mielaħ li għalih il-Kunsill reġa' kiseb għajnuna mill-Fondi Strutturali għal Malta 2007-2013.

Aktar dettalji f'pagna. 13.





INVESTING IN YOUR FUTURE
EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013

Operational Programme I – Cohesion Policy 2007-2013
Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Regional Development Fund (ERDF)
Co-financing rate: 85% EU Funds; 15% National Funds

Investing in your future

• Grazzi lil-isponsors tagħna ta' l-għajnuna tagħhom matul is-sena
• Grazzi wkoll imur għal-kontributuri ta' din il-Ħarġa

Issetjat u Stampat : A&M Printing Ltd. - Qala • Tel: 2155 32 17


# F'Din il-Ħarġa...


4 Messaġġ mis-Sindku

6 Mill-Pinna tal-Kunsilliera

8 Messaġġi mill-Għaqdiet tal-Lokalità

11 Seħer il-Punent

14 An insight into reflexology

16 Immorru Malta

19 Children's Corner

23 Wied il-Mielaħ

24 Servizzi offruti mill-Kunsill

25 Djarju 2008

26 L-Estimi Finanzjarji

27 Riċetti

# Messaġġ mis-Sindku



Dan huwa mument sabiħ li fiħ għal darba oħra permezz ta' din il-ħarġa annwali qed inwasslu l-awguri f'dawn il-ġranet ta' Festa.

Dan huwa żmien ta' riflessjoni li iġibilna miegħu stima istintiva u realistika ta' dak li ġara fis-sena ta' qabel, flimkien ma memorji sbieħ u mnikkta li stajna esperjenzajna u stima ottimista u fiduċja f'sena mimlija entużjażmu u xogħol siewi għall-komunità tagħna kollha.

Jekk inħarsu lejn is-sena 2007, il-lokalità tagħna għamlet diversi kisbiet u ħadet isem għal diversi xogħolijet u proġetti li nkisbu b'risq ir-residenti u sabiex il-lokalità tagħna jkollha futur sostenibbli. Konna għal darb'oħra l-uniku Kunsill minn 68 Kunsill ma Malta u Għawdex li rnexxielna nieħdu l-fondi sabiex inwettqu u nkomplu proġett li mhux għax kieku kienet l-għajnuna finanzjarja ewropea dan il-proġett kien jibqa' biss ħolma u fuq il-karti. Dan ma kienx ikun possibbli jekk mhux għal appoġġ kontinwu tagħkom u l-istink tal-Kunsill sabiex ippreżentajna l-aħjar proġett.

Fix-xhur li ġejjin ser inkunu qed nistiednu lill-pubbliku u lid-diversi għaqdiet sabiex flimkien jitfassal pjan strateġiku sabiex insiru konxji aktar





tar-realtajiet ta' madwarna u sabiex nagħtu spinta u direzzjoni lejn lokalità aktar attraenti u inħarsu aktar l-ambjent ta' madwarna, inħarsu b'lenti lejn fejn sejrin soċjalment u ekonomikament. Inħeġġeġ min hawn sabiex meta jasal il-mument tipparteċipaw u tħossukom parti min dan il-pjan. Ir-rakkomandazzjonijiet tagħkom ser ifissru il-futur tal-lokalità tagħna. Forsi għal xi uħud din hija mira li diffiċli jew impossibli li tinħoloq.

Wara li l-Kunsill ser ikun għamel ix-xogħolijiet infrastrutturali bħat-toroq u xogħolijiet oħra il-Kunsill irid ikompli jħares lejn kwalità ta' ħajja aħjar, b'ambjent aħjar u soċjetà aħjar mibnija aktar fuq edukazzjoni u kreattività. Dan irridu nagħmluh flimkien. Dan irid iwassal għal bidliet żgħar però li jagħmlu aktar sens f'ħajjitna u fil-lokalità li aħna rridu nħallu lil ta' warajna. Dan kollu rridu nagħmluh l-ewwel u qabel kollox għall-benefiċċju ta' kull wieħed u waħda minna sabiex ingawduh flimkien u għal dawk il-viżitaturi li jogħġobhom iżuruna.

Fil-jiem li ġejjin ser nibdew ix-xogħolijiet fuq Triq San Pietru li tagħti min ħdejn iċ-ċimiterju sa pjazza San Pietru. Hemm il-ħsieb ukoll li jibdew ix-

**BINI TA' ĊENTRU ĊIVIKU ĠDID FEJN QIEGĦED JIĠI PROPOST IS-SEGWENTI:**

- **Servizz ta' Spiżerija**
- **Servizz ta' Posta**
- **Servizz ta' Librerija**
- **Ċentru għal matul il-Jum għat-Tfal**
- **Ċentru tas-saħħa**
- **Kunsill Lokali**
- **Uffiċju tas-Sigurtà**
- **Faċilitajiet Finanzjarji**

xogħolijiet fuq iċ-ċentru ċiviku. Il-Kunsill irid li minn dan il-post jingħataw is-servizzi kollha meħtieġa u li l-post jintuża fil-massimu tiegħu. Il-permessi huma moħruġa, l-arranġamenti sabiex isir it-trasferiment lesti wkoll u qed nistennew sabiex nissejħu għal kuntratt. Il-proġett ta' Wied il-Mielaħ ġa qed jigi implimentat għalkemm għadhom ma bdewx ix-xogħlijiet fiżiċi però ix-xogħol tekniku beda jiġi implimentat fuq il-bosta dokumenti li jġib miegħu dan il-proġett. Finalment permezz ta' €600,000 ser inkunu qed nagħlqu dan il-proġett hekk importanti li permezz tiegħu qed intejjbu l-ambjent u nkabbru l-potenzjal li l-lokalità tagħna hija mgħammra bih.

Il-pjanijiet tagħna huma li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura u wara x-xogħolijiet li semmejt aktar 'il fuq il-Kunsill ser ikun jagħti dehra ġdida lid-daħla tal-lokalità sal-pjazza prinċipali. Dan il-proġett tħalla għall-aħħar għaliex irridu insibu il-metodu kif fil-lokalità tinstab triq oħra alternattiva sabiex it-traffiku ma jibqax iross fuq triq il-Knisja. F'dawn it-tlett snin li għaddew ippruvajna nagħmlu *traffic management* ġdid iżda ma wasalniex għal soluzzjoni. Il-ħsieb hu li dan għandu jitwettaq fil-futur immedjat. Dan għandu jinkludi ir-rotot fil-lokalità, kif ukoll il-parkeġġ li kull ma jmur qed ikun dejjem problema. Trid tiġi adottata sistema li tagħti mportanza lir-residenti u dan bla ma tiżvantaġġa lill-mijiet ta' turisti u dawk kollha li jiġu jżuruna għal btala qasira minn żmien għal żmien. Fuq din l-iskema ser jinfetaħ djalogu u ser tkunu konsultati familja familja. Naturalment wara trid tittieħed deċiżjoni li trid tkun qed tirrispetta l-opinjonijiet ta' kulħadd.




Kif tafu qed isir ħafna xogħol fuq il-ground tal-football li għal diversi snin stenna lill-amministrazzjonijiet governattivi jtejjbu din il-faċilità sportiva. Dan ma seħħx u għalhekk il-Kunsill ħass li għandu jagħmel dan ix-xogħol hu. Naturalment ix-xogħol tmexxa bil-mod u nvestejna kif stajna bla ma nħallu il-bżonnijiet tal-lokalità jibqgħu lura. Xtaqna li x-xogħol beda u tlesta fl-inqas żmien però minħabba l-finanzi ix-xogħol kellu jieħu dan ir-ritmu.



Il-Kunsill jgħix ukoll fir-rejaltajiet li jeżistu u qed jiċċirkondaw id-dinja u għal dan il-għan qed nistudjaw possibilità ta' għajnuna lil kull residenza fil-lokalità tagħna. Dan mhux biżżejjed izda ser inkunu wkoll qed nistudjaw kif ngħinu lill-investituri preżenti u nattiraw aktar investiment fil-lokalità fil-qasam turistiku agrikolu u fil-qasam tal-manifattura u dan permezz ta' fondi li hemm apposta. Għadu ftit kmieni sabiex wieħed jikkommetti ruħu dwar il-miżuri li ser inkunu qed nieħdu però dan tkunu tafuh fil-futur qarib. Qed insemmuh dan għaliex irridukom tifhmu li x-xogħol u l-entużjażmu tagħna qed jeħodna lil hinn milli nwettqu biss ix-xogħolijiet kurrenti. Kif tafu spiċċat id-diskussjoni dwar ir-riforma tal-Kunsilli Lokali u issa qed nistennew it-tibdil li ser iġġib magħha din ir-riforma. Naturalment wieħed jistenna aktar responsabilitajiet u dan sabiex intom tinqdew aħjar u l-amministrazzjoni tal-Kunsill tirrifletti aktar ir-rejaltajiet tal-lokalità.

Ma baqali xejn ħlief li nawguralkom sena mimlija risq u nispera li din is-sena tkun sena tajba għalikom personalment kif ukoll għal pajjiżna u l-lokalità tagħna.

*David Apap*
**Sindku**



# Mill-Pinna tal-Kunsilliera....

Insellem lill-poplu kollu ta' l-Għarb. Reġgħet għaddiet sena oħra, ż-żmien għaddej u reġgħa wasal Milied ieħor.

Kull sena aħna l-Kunsilliera nressqu lmenti tagħna, nagħmlu l-ħila tagħna sabiex ilkoll flimkien nagħmlu dak li nistgħu għar-raħal tagħna.

L-ewwel li kellna kien l-Karnival. Żmien ta' bluha u daħk minn u għal kulħadd. Din l-attività kienet milqugħa tajjeb u anke kienet organizzata tajjeb ukoll. Kien hemm numru ta' żifniet minn irħula oħra. L-aktar li spikkat kienet il-kompetizzjoni ta' l-isbaħ kostum tat-tfal u l-maskarat misterjuż.

Reġa' ġie organizzat Seħer il-Punent, f'Marzu. L-organizazzjoni kienet tajba ħafna. Numru kbir ta' kantanti u żeffiena stabbiliti Maltin kienu Mistiedna. Anke parteċipanti Għawdxin ta' ċertu livel ħadu sehem. Il-folklore ma naqax. Kien hawn numru kbir ta' turisti barranin u anke Maltin. Isem l-Għarb sar fenominali ma' din l-attività.

Il-poplu ta' l-Għarb ikun jistenna bil-ħerqa l-festa tal-Viżitazzjoni. Mal-festa tiġi l-Infiorata ta' fuq iz-zuntier, biċċa arti taħt id-direzzjoni ta' Ruben Camilleri Cauchi b'kollaborazzjoni mall-Kunsill Lokali.

Il-ħarġa ta' l-Anzjani f'Malta reġgħet ġiet organizzata. Il-ħarga ma' Għawdex saret ukoll. Awissu jwassal l-attivita' li tiġi organizzata f'okkazzjoni ta' Jum l-Għarb. Dan il-Jum jiġi mfakkar mill-qalb. F'dan il-Jum jiġu mogħtija l-Premijiet ta' rikonoxximent lill-persuni mir-raħal għax-xogħol jew ħidma li jkunu għamlu matul is-snin. Għal Milied ukoll naħsbu fit-tfal. Jieħdu gost jiltaqgħu ma' xulxin fil-party li jiġi organizzat għalihom.

Nittama' li x-xogħolijiet jsiru, fosthom il-grawnd tal-futbol u t-triq ta' Santu Pietru li huma suppost l-ewwel fuq l-agenda ta' xogħlijiet li għandhom isiru.

Jiena bħala kunsillier għal dawn l-aħħar sitt snin għamilt il-parti tiegħi kollha. Nistieden lill-poplu ta' l-Għarb biex jekk ikun bżonn l-għajnuna tiegħi jfittixni. Dejjem ħdimt kemm stajt għar-raħal tiegħi li tant inħobb b'sagrifiċċju kbir, speċjalment dawn l-aħħar tlett snin.

Nixtieq lil poplu kollu ta' l-Għarb, Milied hieni u sena ġdida mimlija risq u barka minn Alla.

*Raymond Cassar*
**Viċi - Sindku**

---

Biex nibda' b'ringrazzjament lill-poplu kollu tar-raħal tal-Għarb talli kull darba li jiena ħriġt għall-elezzjoni tal-Kunsill tar-raħal jiena dejjem ħriġt elett. Il-poplu dejjem ivvotali għaliex dejjem kont sinċier u qatt ma fittixt lili n-nifsi imma dejjem rajt li naqdi lil kulħadd, hu min hu u x'kulur hu. Dejjem ħdimt id f'id ma kull Sindku u mall-Kunsilliera kollha.

Nixtieq li nara aktar żgħażagħ fil-Kunsill u jaħdmu għal ġid tar-raħal biex b'hekk naraw ir-raħal tagħna jimxi l-quddiem.

Nixtieq li nselli għall-poplu kollu tal-Għarb u nawguralkom il-Milied u s-Sena t-Tajba mimlija risq u hena.

Grazzi lil kulħadd.

*Dimitri Agius*
**Kunsillier**

Iż-żmien jgħaddi ġmielu u dan ma narawhx għax nkunu f'saħħitna u sejrin minn ħaġa għal oħra. Reġgħa wasal biex nippublikaw il-*magazine* tal-Kunsill Lokali ta' l-Għarb. U ukoll qed noqorbu lejn tmiem is-sena 2008.

L-iskop tagħna l-Kunsilliera flimkien mas-Sindku hu li naħdmu biex nġibu 'l quddiem il-lokalità tagħna. Minn kemm ilhom li twaqqfu l-Kunsilli l-Gvern qed jafda ħafna mis-servizzi f'idejn il-Kunsilli għax iħoss li hu ferm aħjar għan-nies biex jinqdew fi ftit żmien. U dan hu ta' benefiċċju kbir għall-komunità. Dawn huma bħal ħlasijiet ta' permessi, tindif, tilqim tal-labra tal-influwenza, u oħrajn.

Bis-saħħa tas-sħubija fl-Unjoni Ewropeja, il-Kunsill tagħna huwa wieħed minn 68 Kunsill Lokali f'Malta u Għawdex li bbenefika ħafna mill-fondi tal-Ewropa u dawn ħadnihom fuq il-proġett ta' Wied il-Mielaħ. Dawn il-fondi li ħadna ma nistgħux nonfquhom fuq proġett ieħor, għax wara rridu nuruhom fejn marru l-fondi.

Bħalissa qed ninsistu fuq il-proġett tal-ground tal-futbol. Hemm ħafna x'isir fih. Għaddejin bid-diskussjonijiet fuqu biex nakkwistaw ftit fondi. Hemm ukoll il-ħsieb li ntejbu l-istruttura tal-Kunsill u se nippruvaw li tkun blokka bis-servizzi l-aktar bżonnjużi għall-komunita' tagħna. Irridu nżommu f'moħħna li dawn iż-żewġ proġetti huma kbar u ma jsirux f'sena.

Il-Kunsill joffri lir-residenti tagħna diversi korsijiet u qed jattendu numru mhux ħażin għalihom. Nieħdu ħafna pjaċir meta naraw ħafna anzjani jattendu għad-Day Centre Għajnsielem u anke fil-ħarġiet li nagħmlulhom.

Imma l-iktar attivitajiet li jorganizza l-Kunsill tagħna u li fihom jattendu l-maġġoranza tan-nies tagħna huma Karnival, Seħer il-Punent, Jum l-Għarb u Wine Festival li sar fil-Crafts Village ta' Dbieġi.

Barra l-laqgħat tal-Kunsill fil-lokalità tagħna, aħna l-kunsilliera nattendu laqgħat ta' formazzjoni kemm Għawdex u anke Malta u niltaqgħu ma' Kunsilliera oħra u naqsmu l-esperjenzi tagħna. Anke nsemgħu leħinna dwar ċerti problemi li jkollna. Dan hu ta' benefiċċju għalina biex nkomplu nsaħħu l-lokalità tagħna. Permezz ta' dawn il-laqgħat aħna jkollna l-viżjoni dwar il-pjanijiet tal-Gvern għall-futur favur il-Kunsilli Lokali.

Nieqaf hawn għax hemm ħafna x'ngħidu fuq il-ħidma tal-Kunsill. Aħna l-vuċi tar-residenti tagħna, lesti biex nisimgħu l-ilmenti tagħkom u fl-interess tagħna li naħdmu għall-ambjent aħjar u ġid għall-lokalita' tagħna.

Filwaqt li nsellem lir-residenti kollha tagħna, nixtieqilkom Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija barka u ġid u saħħa.

U jien min-naħa tiegħi nirringrazzjakom tal-fiduċja u rispett li turu fija.

*Carmen Vella*
**Kunsillier**

---

Għall-grazzja ta' Alla reġgħet għaddiet sena oħra minn meta wassalt il-messaġġ tiegħi lilkom ir-residenti.

Bħal ma tafu Seħer il-Punent huwa inizjattiva tal-Kunsill Lokali u għat-tieni sena konsekuttiva, reġa kien suċċess bil-koperazzjoni tagħkom ir-residenti.

Il-Proġett ta' Wied il-Mielaħ jinsab fi stadju avanzat sabiex jinbeda, flus li waslu mill-fondi mill-Ewropa.

Nisperaw li s-sena 2009 tkun sena ta' ħidma kontinwa sabiex inkomplu naħdmu għall-ġid tal-lokalità tagħna.

Nixtieq lir-residenti tagħna Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija risq u paċi.

*Sunta Camilleri*
**Kunsillier**

---

**Is-Sindku, Viċi-Sindku, Kunsilliera, Segretarju Eżekuttiv u Staff tal-Kunsill Lokali Għarb jixtiequ jawguraw is-Sena it-Tajba lil Kulħadd.**



# Messaġġi mill-Għaqdiet tal-lokalità

Il-Kunsill ta' kull sena jistieden lill-Għaqdiet Lokali sabiex permezz ta' 'Leħen il-Punent' jibagħtu l-messaġġ tagħhom lir-residenti tal-lokalità. Hawn taħt qed jiġu ippublikati l-messaġġi kollha li l-Kunsill irċieva mingħand l-Għaqdiet.

## Miċ-Ċentru Parrokkjali

Qabel xejn, f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, nsellem lin-nies kollha ta' l-Għarb, anke 'l dawk li ma joqgħodux fir-raħal tagħna.

Iċ-Ċentru Parrokkjali għandu sehem imporanti fil-ħajja tal-parroċċa. Gruppi u għaqdiet differenti, jagħmlu użu miċ-Ċentru, għal-laqgħat, kunċerti, 'rehearsals', attivitajiet ta' 'fund raising', drama, 'bar', eċċ.

Daqqa t'għajn lejn is-sena 2008, tfakkarna prinċipalment fid-Dramm sabieħ u mpenjattiv, li tellajna b'suċċess, "M'hemmx triq oħra", tal-Kan Joe Mejlak. Tfakkarna ukoll fid-Dramm tal-Passjoni ta' S.G.K., ta' Anthony M. Galea, mill-Kumpanija "Antonjani dejjem ferrieħa", Dramm li ħalla mpressjoni tajba ħafna.

Ħarsa 'l quddiem turina staġun ieħor impenjattiv; dejjem jekk jirnexxielna, għax illum, numru sostanzjali ta' atturi żgħażagħ, jistudjaw jew jaħdmu Malta. Il-Varjetà tal-Milied se tkun tinkludi l-Buzzett "L-Għajna tal-Muntanji", li l-Kan. D. Michael Galea kien kiteb meta kien għadu s-Seminarju. Għal Jannar hemm il-ħsieb li tittella' l-Kummiedja brillanti "dik is-Saħta ta' Kunjata". Jekk ikun possibbli, nipprezentaw ukoll is-Serata tal-Karnival.

Is-Sala ta' fuq taċ-Ċentru kienet ukoll okkupata s-sena kollha, b'Quddies u laqgħat għaż-żgħażagħ, Ġimgħa taż-żgħażagħ, Eżerċizzi għaż-żgħażagħ, laqgħat tal-Koppji Miżżewġin, u kunċerti mill-Għaqda Mużikali lokali. Minn Ottubru reġgħu bdew il-"Prayer Meetings" għaż-żgħażagħ.

Dawn l-attivitajiet kollha jitolbu mpenn, organizazzjoni u sagrifiċċju minn għadd kbir ta' nies. Nieħu din l-okkażjoni, biex, f'ismi u f'isem iċ-Ċentru Parrokkjali nirringrazzjahom.

Fuq kollox, iż-żmien ta' llum huwa żmien ta' awguri u xewqat tajba. F'isem iċ-Ċentru Parrokkjali, nirringrazzja lid-direzzjoni ta' din l-edizzjoni tal-opportunita' li tagħtina, filwaqt li nawgura lil kulħadd l-Isbaħ Xewqat għall-Milied Imqaddes u għas-Sena l-Ġdida.

**Kan. Dun Guzepp Tabone**

## Għaqda tal-Koppji

L-Għaqda tal-koppji għadha ħajja fil-parroċċa tagħna. M'aħniex mijiet, imma l-koppji li jattendu huma sodisfatti u stabbli. Kif wieħed jista' jistenna, matul din is-sena Pawlina ser ikollna aktar x'nixtarru fuq it-tagħlim ta' San Pawl u kif l-ittri tiegħu għadhom attwali għal żmienna. Il-laqgħat jitmexxew mill-Arcipriet, isiru kull nhar ta' Sibt wara l-quddiesa ta' filgħaxija u ma jdumux aktar minn siegħa. Naħseb li min jitħajjar jattendi ma jiddispjaċihx.

Filwaqt li nixtiequ Milied Hieni u Sena tajba lill-parruċċani kollha, infakkar li l-istedina lill-koppji kollha biex jattendu l-laqgħa tagħna hi dejjem miftuħa. Kull min jattendi għal-laqgħa jagħni u jistagħna.

**Għarb Rangers F.C.**

## Konna Kważi żarmajna

Konna kważi żarmajna t-team tal-kbar. Imma le, bil-għajnuna personali tas-Sindku David Apap Agius it-team qed jerġa jikkompeti. Kien hemm problemi pjuttost kbar imma flok tkaxkarna mall-kurrent, ikkumbattejnih u rbaħnielu. Ma kienx faċli, imma fuq insistenza tas-Sindku ngħaqadna kumitat u players u flimkien għelibna d-diffikultajiet li kien hemm, għalliemna li l-problemi u d-diffikultajiet ma tridx taħrabhom imma tiġġildilhom. Illum qed inħossu sodisfazzjon li t-team mhux biss għadu hemm imma qed niksbu riżultati pożittivi wkoll.

F'dan l-istaġun 2008/2009 qed nieħdu sehem bit-team tal-kbar u t-team tan-nursery Under 11. It-team tal-kbar li qed jikkompeti ma sitt timijiet oħra fil-kampjonat tat-tieni diviżjoni. Fit-team hemm ħafna players mir-raħal tagħna u dawk li fil-bidu kienu qed juru nuqqas ta' interess, meta raw li t-team kien f'xifer li jżarma rritornaw kważi kollha għax fil-fond ta' qalbhom qatt ma riedu li t-team ta' raħalhom iżarma.

It-team tal-Under 11 huwa mmexxi minn John Edwards, ingliż residenti fir-raħal tagħna. Dan il-bniedem ħaqqu ringrazzjament u tifħir ghad-dedikazzjoni tiegħu. Hemm bosta tfal jattendu n-nursery u tieħu gost tarahom jattendu t-taħrig b'dak l-entużjażmu. Huma qed jipparteċipaw f'tournaments organizzati mill-G.F.A. u sejrin tajjeb ukoll. In-nursery hija essenzjali fi club tal-football għax jekk ma tħarriġx tfal minn eta' żgħira ma jistax ikollok players fil-futur. Trid trawwem iż-żgħar biex il-quddiem issib players għat-team tal-kbar.

Il-kumitat jiltaqa' spiss u qed jaħdem tajjeb. Kull membru għandu biċċa xogħol x'jagħmel u minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawn il-persuni li qed jagħtu ħafna ħin għall-ġid tal-club. Joseph Cauchi (tal-Gawwi) fil-kariga ta' President, Sindku David Apap Agius li huwa l-Viċi President, Joseph Mizzi jokkupa l-kariga ta' Viċi Segretarju, Mario Saliba li huwa t-Teżorier, Joseph Micallef u Anthony Camilleri membri.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nħeġġiġkom tissapportjaw lil club tal-football ta' raħalkom u f'ismi u f'isem sħabi kumitat u players nagħti l-awguri għas-Sena l-Ġdida mimlija risq u barka tal-Mulej lin-nies kollha residenti fir-raħal għażiż tagħna, l-Għarb.

**Louis Apap**, Segretarju

**Messaġġ Leġjun ta' Marija**

Għal darb'oħra qegħdin niftakru meta Alla, s-sid tal-univers kollu, għoġbu jibgħat lil ibnu biex isir bniedem bħalna. Ġesù Kristu dam jgħix bħala bniedem fost il-bnedmin għal tlieta u tletin sena. Għandna kollox miktub fil-Vanġelu – x'kien jippriedka u kif kien iġib ruħu kemm waqt il-ferħ u kemm waqt it-tfixkil tal-ħajja tiegħu fuq l-art. U hekk fil-Vanġelu nsibu l-mudell ta' kif wieħed għandu jgħix. It-twelid ta' Ġesù Kristu kien grazzja kbira għall-bnedmin. Jixraq li kull sena nfakkru din l-okkażjoni mingħajr ma nħallu l-kummerċjaliżmu żejjed jifga s-sens veru ta' dawn il-festi. Għalhekk il-Leġjun ta' Marija jixtieq il-Milied it-Tajjeb u s-Sena it-Tajba lin-nies kollha tal-Għarb u wkoll lil dawk kollha Maltin u barranin li jkunu fostna f'dawn il-jiem.

**Grezzju Cauchi**

**Għal aktar informazzjoni dawr il-Kunsill Lokali, proġetti u attivitajiet żur il-website:**

**www.gharbnet.com**

## Kumitat Festa tal-Viżitazzjoni

Il-festi reġgħu magħna u dan ifisser li għaddiet sena oħra. F'isem il-kumitat nixtieq ngħid grazzi lil dawk kollha li għenuna b'xi mod jew ieħor fil-festa ta' din is-sena, sew dawk li għenuna finanzjarjament kif ukoll lil dawk li meddew idejhom għax-xogħol. Għalkemm għal ħafna, din kienet festa bħall-oħrajn, kien hemm ħafna problemi li rnexxilna ngħelbuhom bid-dedikazzjoni u s-sagrifiċċji ta' ftit minn fostna. Min jagħti każ, jaf sew għalxiex qed nirreferi. Min-naħa ta' armar nistgħu ngħidu li din is-sena x-xogħol mexa tajjeb, grazzi għal ftit żgħażagħ li għenu ħafna f'dan ix-xogħol. Kellna kummenti pożittivi fuq it-tibdil li għamilna fir-rotot tal-marċi, fejn ippruvajna li jgħaddi marċ minn aktar toroq fir-raħal. Issa nistgħu ngħidu li minn kull triq fil-Wilġa jgħaddi marċ u anke minn ta' Sdieri.

Bħala proġetti għas-sena d-dieħla kellna u għadu jkollna ħafna suġġerimenti u ħafna qed jgħidulna li qed niltaqgħu lura fejn festi oħra. Ikolli nammetti li dan hu minnu, iżda dan mhux għax ma nixtiqux li nagħmlu proġetti għall-festa iżda għax huma ftit dawk li jibqgħu jagħtu l-kontribut u l-għajnuna tagħhom matul is-sena. Għalhekk diffiċli nlaħħqu max-xogħol li jkun hemm aħseb u ara ma' proġetti ġodda. Taħsbux li n-nies kollha li taraw jarmaw jew jaħdmu fil-jiem tal-festa, nsibuhom is-sena kollha. Nixtiequ li nsibu aktar għajnuna, speċjalment mill-membri tal-kumitat li jistgħu jgħinuna mmexxu xi proġett.

Għalkemm l-akbar uġiegħ ta' ras dejjem tkun il-problema tal-finanzi, fil-każ tagħna, irridu nħabbtu wiċċna ma' problema akbar – dik ta' fejn naħżnu l-armar u fejn isir ix-xogħol ta' restawr u manutenzjoni. Il-problema finanzjarja, b'xi mod jew ieħor dejjem tittaffa għaliex l-kontribut tal-poplu dejjem jgħinna biex intaffu l-ispejjeż. Iżda l-problema l-oħra (dik ta' spazju) ftit li xejn sibna soluzzjoni għaliha. Bħalissa grupp ta' żgħażagħ qiegħed jaħdem fil-maħżen biex jagħmlu liedna ġdida għall-pjazza. Filwaqt li hemm grupp ieħor li qed jagħmel oħra għal Triq tal-Virtut. Wara l-festa qbadna ukoll induru l-brazzi tad-dawl tal-pjanċier. Dawn inbarxu bl-għajnuna tal-voluntiera u issa qed jinżebgħu u ħa jiġu iddekorati. Ħa nibdew naħdmu ukoll id-disinni tal-pedestall il-ġdid u għall-festa li ġejja ser nippruvaw niżbgħuh. Jekk hawn xi ħadd li jixtieq jgħin f'xi wieħed minn dawn ix-xogħlijiet, jew jagħti xi donazzjoni, jista' jkellem lili, lil Raymond Cauchi jew lil Michael Caruana.

F'isem il-Kumitat nixtieq nieħu l-okkażjoni biex nawgura l-Milied it-Tajjeb u s-Sena l-Ġdida mimlija Risq lill-membri kollha tal-porroċċa tagħna.

Saħħiet

**Ruben Camilleri**, Segretarju tal-kumitat tal-festa

## Sotto Kumitat tan-Nar

Iż-żmien għaddej ġmielu, sikwit il-Milied, bħall-festa titulari, dejjem wara l-bieb. Forsi l-mument li nirriflettu kemm qed jiġri ż-żmien mingħajr ma nindunaw. Mhux ta' b'xejn li l-antenati tagħna kitbu "IBNI GĦOŻŻ IŻ-ŻMIEN" fuq il-kampnar tal-qanpiena l-kbira. Qegħdin ngħożżuh iż-żmien? Qegħdin ngħożżuha l-ħajja? Nafu ngħożżuh il-Milied? Nafu x'inhuma id-dmirijiet tagħna lejn Ġesù fil-festa tal-Milied? żgur mhumiex xorb u tbaħrit. Kollox irid ikun però b'sens ta' moderazzjoni, għax kif jgħid il-malti ż-żejjed sieħeb in-nieqes f'kollox. Aħna tan-nar nippruvaw nimxu ma' dawn il-linji kultant diffiċli, għax ngħiduha kif inhi l-ħafna, l-kbir, il-bombastiku ħafna drabi jingħoġob però s-sustanza li tgħodd. Għall-grazzja ta' Alla aħna maturi biżżejjed u dejjem imxejna fuq linji moderati. Ġesù kellu jitwieled ġo għar għax niesu ġo pajjiżu ma laqgħuhx, ironikament is-Sotto Kumitat tan-nar ġor-raħal tagħna qiegħed fl-istess pożizzjoni. Għalkemm għadna ma wasalna mkien qed nitħabtu ħafna biex is-sitwazzjoni tinbidel. Forsi bl-awgurju tagħkhom lejna ġġibulna r-risq, l-istess risq u hena li nixtiequ lilkom għall-Milied u s-Sena l-ġdida.

**Emanuel Galea**, Sotto Kumitat tan-Nar

**AVVIŻ**

**Importanti li wieħed jinnota li l-iskart għar-reċiklaġġ għandu jinħareġ biss fil-boroż tar-reċilaġġ jiġifieri fil-boroż il-griżi. Skart f'boroż differenti mhux ser ikun jista' jinġabar.**




# It-Tieni Edizzjoni ta'

# Seħer il-Punent

***Festival ta' Arti, Kultura, Mużika u Patrimonju***

Wara s-suċċess miksub fl-ewwel edizzjoni ta' Seħer il-Punent, il-Kunsill reġa tella' t-tieni edizzjoni ta' dan il-festival bejn it-28 u t-30 ta' Marzu, 2008.

Bħas-sena ta' qabel dan il-festival ġie maqsum fuq tlett t'ijiem mill-Ġimgħa sal-Ħadd fejn ġew organizzati għadd ta' attivitajiet bl-għan ewlieni li jesponu l-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dan ir-raħal u jiġbdu turiżmu lejn il-Gżira Għawdxija fix-xhur kwieti tax-xitwa.

Il-festival infetaħ il-Ġimgħa filgħaxija mill-Onorevoli Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex flimkien mas-Sindku David Apap. Waqt il-ftuħ uffiċjali l-Ministru żaret id-diversi esebizzjonijiet li kienu jinsabu fi Triq il-Knisja li fost l-oħrajn kienu jinkludu:



Esebizzjonijiet ta' arti fejn rajna għadd kbir ta' artisti li esebew l-arti tagħhom kif ukoll 'live painters',

Esebizzjonijiet ta' diversi snajjiet li jsiru ġewwa r-raħal bħal bizzilla, tnaqqix ta' ġebel, fuħħar, newl u ħġieġ.

Esebizzjoni oħra li saret waqt il-festival kienet dik ta' Statwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Re-enactment tal-Qiegħa animata mill-grupp folkloristiku ta' l-Għarb, l-Għaqda Folkloristika tal-Qiegħa.

Kull filgħaxija, l-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni tat bidu għall-attivitajiet permezz ta' marċ matul Triq il-Knisja sal-Pjazza Żjara tal-Madonna. L-attrazzjonijiet prinċipali li saru l-Ġimgħa filgħaxija kienu J. Anvil, Ludvig Galea, Marisa D'Amato, Nadine Axisa, Olivia Lewis u Augusto Cardinali.

Il-ġurnata tas-Sibt ingħatat bidu permezz ta' Cultural Walking Tours. It-tour inkluda żjarat lill-postijiet ta' interess fiċ-ċentru storiku tal-Għarb fosthom mużewijiet, Villaġġ tas-snajja ta' Dbieġi, Knisja Bażilika u Parrokkjali u oħrajn. Is-serata tas-Sibt filgħaxija kienet tinkludi kunċerti




minn Freddie Portelli u Joe Demicoli u bħala mistiedna speċjali fl-aħħar tas-serata itella' kunċert mill-grupp ZU2 li inġab apposta mill-Ingilterra.

Il-Ħadd filgħodu l-attività kellha tema folkloristika b'daqq, żfin u għana fuq iż-żuntier tal-Knisja, tberik ta' l-annimali kif ukoll komplew it-tours madwar il-lokalità. Filgħaxija sar l-ispettaklu finali ta' dan il-festival, fejn fost oħrajn kien hawn ir-Rondo Venezjano, Big Band Brothers, line dancing, rock bands kif ukoll il-finalisti tal-Malta Song for Europe 2008 – Klinsmann, Petra Zammit, Eleanor Cassar, Rosmann Pace, Claudia Faniello u r-rebbieħa Morena.

Barra minn dawn l-esebizzjonijiet matul it-tlett t'ijiem kien hawn ukoll diversi stalls ta' l-ikel li offrew kemm ikel tipiku kif ukoll ikel ieħor biex żgur jintlaħqu il-gosti ta' kulħadd.

Kien hawn ukoll zona għat-tfal b'*bouncing castle*, logħob tal-playmobil kif ukoll il-karattru Ronald McDonald li animaw lit-tfal matul it-tlett t'ijiem tal-festival. It-toroq prinċipali ġew imżejna bl-armar tal-festa u z-zuntier tal-Knisja kif ukoll diversi djar u galleriji antiki fil-pjazza kienu mżejjna b'arranġamenti ta' fjuri mill-kampanja.

Il-Kunsill jixtieq jirringrazzja lill-voluntiera kollha li għamlu xogħol indispensabbli kif ukoll lill-isponsors kollha. Ta' min jgħid li din l-attivita' kellha is-support tal-Ministeru ghal Għawdex u l-Ministeru tal-Finanzi li għal darb'ohra sostnew din l-attivita' finanzjarjament permezz tal-Gozo Incentives Scheme fi ħdan il-Good Causes Fund.





# An Insight into Reflexology



Reflexology is one of many holistic therapies. Holistic comes from the Greek word *holos* meaning 'whole' as it looks at the person as a whole being. If part of our system is not functioning well, it affects the whole person. Holistic therapies treat the cause not the symptom. For example if you suffer from headaches most people opt for the *quick fix* which means taking pain killers, whereas holistic therapies look beyond this and try to eliminate the cause.

Reflexology works by tapping into the body's self healing mechanism. It is a therapy that has been around for thousands of years, and works by applying pressure to parts of the feet, hands or ears.

We have about 7000 nerve endings that terminate in the feet, so by applying pressure to the nerve endings messages are sent all the way up through the body directly to the brain. The chart below shows how the whole body is mapped out on the feet as reflex areas.

Reflexology balances all the glands and organs in the body so they work in harmony. If there is an imbalance in a certain area the therapist will feel crystalline deposits at the nerve endings on the feet. The client may also feel tenderness in that part of the foot. By applying pressure to these areas the therapist breaks down the grainy deposits to help restore energy flow and improve blood supply, in order to flush out toxins, promote healing and provide pain relief.




Allergies afflict a lot of people in many different ways, from sinus problems to eczema to hay fever and asthma. In the case of hay fever and asthma a chemical imbalance of the mucous membrane of the nose and throat tends to be the cause, resulting in an allergic reaction to pollen. A Reflexologist will work on the adrenal gland reflex area in order to stimulate the hormone adrenalin, as a deficiency in this hormone is invariably the culprit. In many cases this will cure, or at the very least relieve, the symptoms.

As reflexology treats the whole person it is an excellent tool for alleviating a vast number of ailments. There are too many to mention but here are a few that may benefit from reflexology:-

- Stress and depression
- Muscular and Skeletal disorders caused by bad posture, injury and the aging process
- Nervous system disorders such as Multiple Sclerosis and Parkinson's disease
- Hormonal disorders such as Diabetes, PMT, Menopause and Infertility
- Digestive disorders such as constipation and IBS
- Skin disorders like eczema, psoriasis and acne
- Respiratory / allergy disorders such as asthma and hayfever

---

If you have a medical problem that is not listed or would like further information please do not hesitate to contact me. Shirley Shone, Holistic Therapist (ITEC) Tel. 21565917 / 99268391 / shone@maltanet.net

# Immorru Malta

Se nerġa mmur lura lejn tfuliti biex flimkien ma' nies anzjani bħali, jew oħrajn li jħobbu jaqraw dwar il-passat, naqsam xi tifkiriet tal-imgħoddi.

Illum, hija l-eħfef ħaġa li taqbad u tmur ġirja sa Malta. Tmur x'ħin trid, toqgħod kemm jogħġbok u biex tiġi lura, m'hemmx diffikultà, għax il-vapuri ġejjin u sejrin. Mhux hekk, meta kelli 13 il-sena. Oħti l-kbira ħaditni l-ewwel darba Malta biex nagħmel nuċċali. Meta b'xi mod wasalna x-Xatt, sibna li l-vapur ma kienx se jaħdem u allura morna ma' luzzu mdaqqas li jġorr it-tagħbija. Meta ħriġna fil-miftuħ, għattewna b'inċirata kbira (bħal tinda) biex ma jxarrabniex il-mewġ. Għamilli d-deni, imma, b'xorti tajba, x'ħin inżilna l-art, għaddieli.

Ta' 17-il-sena mort it-"Training College" biex nilħaq tiċer. Għamilt sena nistudja u sentejn oħra ngħallem is-Siġġiewi qabel ġabuni Għawdex. It-trasport bejn Malta u Għawdex kien irranġa xi ftit imma l-vapuri kienu żgħar, qodma u bla ebda kumdità fuqhom. Se nsemmi xi ftit minnhom. L-ewwel wieħed li niftakar kien ir-'Royal Lady' li għereq fil-Gwerra. L-oħrajn se nsemmihom, imma mhux kif eżatt kienu wara xulxin:- Il-Ħanini, Il-Glen Eagle, Imperial Eagle, Queen of Peace, Iylland, l-Imġarr, ix-Xlendi, il-Banċinu u l-Għawdex. Dan ta' l-aħħar, iżżanżan f'Jum il-Ħelsien. Morna l-Birgu bih, imma lura bil-lejl qam ħafna maltemp. Domna madwar 4 siegħat nogħlew mal-mewġ u kważi għamel id-deni lil kulħadd. Fl-aħħar reġġgħana lura lejn Sa Maison, il-Belt. Imbagħad, inżilna l-Marfa bil-karozza u ġejna ma vapur ieħor. Trip li ma ninsih qatt!

Darba, kien il-Ġimgħa u flok vapur, ġejna fuq skuna ftit kbira" il-"Maid of Pinto"! Għaddiet minn wara Kemmuna għall-kenn, imma x'ħin dorna lejn Għawdex, bdiet tiela u nieżla qisha sufra f'wiċċ l-baħar. X'ħin tinżel, qalbi kienet tieqaf bil-biża' li nibqgħu fil-qiegħ! Niftakar li kont tgeddist fuq gozz ħbula ħoxnin, irbatt idejja u bdejt ngħid l-Att tal-Indiema flok ma nwerżaq mal-oħrajn.

Ix-Xatt t'Għawdex kien għadu kenni mhux ħażin, imma l-Marfa, Malta, ma kellha l-ebda kenn. Allura, l-vapur kien jibqa' sejjer lejn San Pawl il-Baħar. Wara vjaġġ ta' xi siegħa, kien jieqaf f'nofs il-port u jiġu d-dgħajjes biex ninżlu fuqhom l-art. Aħna dejjem konna mmorru t-Tnejn fil-għodu u l-vapur kien ikun mgħobbi bin-nies tax-xogħol, l-iktar irġiel, li kienu jaħdmu Malta. Immaġinaw il-vapur f'nofs il-bajja tiela' u nieżel mal-mewġ, l-istess tagħmel id-dgħajsa li trid tittrakka miegħu, u n-nies, wara xulxin, iridu jkunu pronti jinżlu ġod-dgħajsa meta din titla'! U għaġġel kun ħafifa, avolja mgħobbija bil-basket kbir, li ma tmurx taqa' ġol-baħar!! Il-baħrin kienu jgħinuna ħafna u anke l-irġiel. L-istess storja kienet ittenni ruħha l-Ġimgħa wara nofsinhar jew is-Sibt fil-għodu biex niġu lura d-dar.

Niftakar kienet ħarġet moda d-dublett ftit twil u dejjaq ħafna. Kont liebsa wieħed hekk meta smajt raġel jgħid lil sħabu:- "Kemm nidħak kieku jinqasam dublett ta' xi waħda minnhom". Allura, meta messni nitla' fuq il-vapur, tellajt id-dublett ftit il-fuq minn irkobbtejja (għax aħjar nikxef lilhom, milli jidħku bija!)

Billi l-ewwel sentejn għallimt fl-iskola tas-Siġġiewi, malli naslu Kastilja (fejn kien il-Bus Terminus ta' dak iż-żmien) kont nitlaq niġri biex nilħaq il-karozza. Din kienet tieħu madwar nofs siegħa biex tasal u dritt għall-iskola u iġri għall-klassi, għax ilhom nofs siegħa bla tiċer! Ara taħsbu li xi ħadd kien se jġibli almenu kikkra kafè. Biex tagħqad, l-'Inspectress' kellha drawwa li tiġi l-iskola tagħna nhar ta' Tnejn! Ġie li l-anqas kien ikun ilni nofs siegħa fil-klassi meta naraha dieħla għandi! Dik kien jonqosni wara vjaġġ bħal dak! Heq! Ikollok toqgħod u tgħaffeġ kif taf. Trid tqis li kelli biss 18-il-sena u ma kontx 'up to date' bħat-tfajliet tal-lum.

Imma dan li għettilkom kien bosta snin ilu. Illum għamilna tant progress li t-trasport bejn Għawdex u Malta sar magħruf għall-vapuri sbieħ u l-kumdità kbira li ssib fuqhom. Allura, imorru Malta? Żgur li nieħdu pjaċir! U l-Belt Valletta mżejna għall-festi tal-Milied, fiha x'tara tassew.

Meta tmorru Malta u jkun xi ftit maltemp ftakru f'dan li ktibt u bierku l-progress kbir li sar. Mill-qalb nixtieqilkom Sena Ġdida 2009, mimlija ġid u barka fil-Mulej.

**Esther Mizzi**








# Children's Corner



## THE SOLAR SYSTEM

I bet all of you have been out at night, looked up at the sky and wondered what is up there, beyond our planet Earth and all those twinkling stars. Well, Earth is like a giant ball floating in space alongside other objects such as other planets, stars, moons, comets, asteroids, dust and gas. All of these orbit or go round in circles around the Sun and make part of what we call the **Solar System**.




The **Sun** is the biggest object in the Solar System. In fact it makes up about 98% of the whole thing! The Solar System consists also of 8 bigger **planets**: Mercury, Venus, Earth, Mars, Jupiter, Saturn, Uranus and Neptune. As from 2008, Pluto along with Ceres, Eris and Makemake are now being called **dwarf planets** which simply means small planets. Six of the planets and two of the dwarf planets are in turn orbited by **moons** like ours. There are 170 moons going round these planets alone but 240 in the whole Solar System! Saturn, Jupiter, Uranus and Neptune are also circled by rings of dust and particles called **planetary rings**.



Another member of the Solar System is the **comet**. Comets are small worlds made of dust and ice and are best known for their shiny tails. What you may not know is that comets are not always shining but only produce their tail when they get in the warmer part of the Solar System and closer to the sun. This happens because as they get closer to the sun, the ice begins to melt leaving behind beautiful shining tails.



Nowadays people explore space using different tools and sometimes **astronauts** go up into space themselves. People like you and me can observe space using **telescopes** and learning more about it by reading books or searching on the internet. If you want to learn more about Space and the Solar System you can visit this webpage: **http://www.kidsastronomy.com/** where you'll find lots of information and games to play. I hope the experience will be... well... out of this world!!

# Wied il-Mielaħ ...lejn turiżmu soste jirrispetta l-ekoloġija u

## Il-Kunsill Lokali Għarb jirnexxielu għat-tieni fażi tal-Proġett ta' Wie



Fl-2004 il-Kunsill Lokali Għarb kien l-ewwel Kunsill f'Malta u Għawdex li rċieva għajnuna mill-Fondi Strutturali allokati għall-pajjiżna għall-perjodu 2004-2006. Permezz ta' din l-għajnuna il-Kunsill seta' jwettaq xogħol ta' konservazzjoni u protezzjoni ta' Wied il-Mielaħ. Għalkemm din l-għajnuna kienet waħda sostanzjali ma kinitx biżżejjed sabiex tkopri x-xogħolijiet kollha neċessarji biex seta' jitranġa għal kollox il-Wied kif dejjem xtaq il-Kunsill. Għalhekk f'din l-ewwel fażi ta' xogħolijiet il-Kunsill wettaq biss dawk ix-xogħolijiet relatati mal-kostruzzjoni u rranġar ta' parti mill-ħitan tas-sejjieħ li l-iktar li kienu fi stat ħażin, kif ukoll parti mit-tindif tal-Wied.

Għalkemm dan ix-xogħol wasal fit-tmien il-Kunsill kien determinat sabiex jitkomplew ix-xogħolijiet li għad baqa' x'isiru fl-iqsar żmien possibli. Huwa għalhekk li l-Kunsill fittex opportunitajiet minn fejn seta' jerġa' japplika u jingħata fondi oħra Ewropej għal dan il-Wied.

Għalkemm it-triq ma kinitx waħda faċli, wara ħafna xogħol il-Kunsill reġa' applika taħt il-Fondi Strutturali għal Malta 2007 – 2013 u rnexxielu, b'sodisfazzjon kbir, jerġa' jkun l-uniku kunsill f'Malta, s'issa li jiġi mogħti fondi għall-kontinwazzjoni tax-xogħolijiet. Din id-darba l-Kunsill ingħata fondi ferm akbar li jammontaw għal €569715. Din id-darba qed nimmiraw ftit iktar fil-għoli għax irridu naraw l-inħawi ta' Wied il-Mielaħ jitgawdew ukoll mit-turisti li jiġu jżuru r-raħal tagħna, u ala le, dawk kollha li jżuru lil Għawdex. Il-mira tagħna ghal dan il-proġett hi - Wied il-Mielaħ – lejn turiżmu sostenibbli li jirrispetta l-ekoloġija u l-ambjent. Huwa propju permezz ta' din l-għajnuna finanzjarja li l-Kunsill ser jagħmel ħiltu sabiex jitkomplew u jitwettqu ħafna xogħolijiet li għad baqa' xi jsiru f'dan il-Wied.

Ix-xogħolijiet li huma ppjanati li jitwettqu u li huma maħsuba li jieħdu madwar 18-il xahar ser jinkludu fost l-oħrajn dawn segwenti:

- Jingħata wiċċ ġdid lit-triq u jinbena ċint matul it-triq kollha.
- Titjieb l-aċċessibilita' permezz tal-bini ta' pontijiet.
- Tindif tal-Wied u bini ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll bini ta' lqugħ ta' l-ilma
- Tħawwil ta' siġar kif ukoll installazzjoni ta' għamara rustika.

Operational Programme I – Co
Investing in Competitiveness f
Project part-financed by
European Regional Devel
Co-financing rate: 85% EU Fu

Investing in yo

# ħ...
# enibbli li
# u l-ambjent

## *u jikseb fondi*
## *ied il-Mielaħ*

EUROPEAN REGIONAL DEVELOPMENT FUND
MALTA 2007-2013



- Rikostruzzjoni tat-taraġ li jinżel għall-baħar.
- Cameras li jaħdmu permezz ta' enerġija solari
- Tabelli indikattivi.
- Pubblikazzjoni ta' materjal informattiv u kitba dwar il-geografija u ekoloġija
- Titjib tal-Website.
- Installjazzjoni ta' materjal awdjoviżiv kif ukoll installazzjoni ta' trombi ta' osservazzjoni.

Permezz ta' dan il-Proġett il-Kunsill ser ikun qed jippromwovi l-prodott turistiku ta' Għawdex b'mod partikolari tar-raħal tal-Għarb. L-iskop aħħari tiegħu huwa li joffri prodott turistiku rinnovat lill-viżitatur barrani u lokali li jżur lil Għawdex speċifikament għall-mixjiet fil-kampanja. Dan ser jagħmel lir-raħal tagħna iktar kompetittiv f'dak li huwa destinazzjoni rurali. B'dan il-mod il-Kunsill tagħna irid ukoll ikun pijunier f'dan il-qasam anke fil-Viżjoni tal-Gvern li jagħmel minn Għawdex Gżira Ekoloġika.

Dawn ix-xogħolijiet ser jgħinu ukoll sabiex il-Wied li huwa diġa msebbaħ bis-sbuħija naturali tiegħu, jitranġa u jisbieħ iktar b'mod li jġib aktar turiżmu lejn Għawdex b'mod partikolari lejn din iż-żona. Apparti t-turiżmu, bix-xogħolijiet u t-titjib li ser isir ser jiġu rreklamati l-mixjiet fil-kampanja li huwa ta' interess għal diversi Għawdxin u Maltin.

Il-Kunsill minn dejjem emmen li l-fondi mill-Unjoni Ewropeja setgħu jkunu ta' għajnuna kbira għal-lokalità, għal Għawdex, kif ukoll għall-pajjiż kollu. Huwa għalhekk li l-Kunsill investa fil-proġett ta' Wied il-Mielaħ, konxju mill-ġawhra unika li huwa dan il-Wied b'mod partikolari għat-tieqa ffurmata b'mod naturali fil-blat u l-baħar ta' l-inħawi li huwa imfittex kemm għas-sajd u kemm mill-bugħaddasa. Tant hu minnu dan li settur turistiku tal-bugħaddasa għandu seba' mitt sena sakemm aħna nlestu l-proġett. Dwar il-mixjiet fil-kampanja diġa għandna min lest jirreklama lir-raħal tagħna. Il-Kunsill kien u għadu konvint illi permezz ta' dan il-proġett verament Wied il-Mielaħ ser ikun qed joffri post ideali ta' mistrieħ għal kulħadd u li ser igawdi minnu Għawdex kollu, imma b'mod partikulari n-nies tagħna u dawk li jemmnu sħiħ fir-raħal tagħna.

**l – Cohesion Policy 2007-2013**
**ess for a Better Quality of Life**
**d by the European Union**
**Development Fund (ERDF)**
**U Funds; 15% National Funds**

**in your future**

# Servizzi offruti mill-Kunsill Lokali

## Internet

Il-Pubbliku jista' jagħmel użu minn servizz ta' internet ġewwa l-librerija. Dan is-servizz jiġi offrut mingħajr ħlas bis-sistema tal-'wireless internet'. Din is-sistema tippermetti lil dawk kollha li jkunu jridu jużaw l-internet mhux biss minn fuq il-kompjuters tal-Kunsill iżda anke minn fuq il-laptop tagħhom stess. Il-ħinijiet tal-ftuħ għal dan is-servizz huma mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30am sat-3.30pm.

*The public can make use of free internet service at the Council's library. The internet is available on the library's computers, however one may also use a personal laptop and have access to the internet since the service is offered through wireless internet. Service is available Monday to Friday from 8.30am to 3.30pm.*

## Librerija / *Library*

Il-librerija tar-raħal tiftaħ nhar ta' Erbgħa mit-8.00am sa 12.00pm. Il-librerija toffri għażla vasta ta' kotba kemm għall-kbar kif ukoll għaż-żgħar. Il-Kunsill jimpenja ruħu sabiex jixtri numru ta' kotba ġodda b'mod regolari matul is-sena. Il-kotba jkomplu jiżdiedu ukoll permezz ta' donazzjonijiet ta' kotba mir-residenti. Il-Kunsill jixtieq iħeġġeġ lir-residenti biex jagħmlu iktar użu minn dan is-servizz edukattiv.

*The library is open Wednesdays from 8.00am to 12.00pm. The library has a wide choice of books suitable for both young and adult readers. The Council is committed to furnish the library with a number of new books on a regular basis throughout the year. The books are increasing also thanks to donations from residents. The Council would like to encourage more residents to make use of this service.*

## Korsijiet / *Courses*

Matul is-sena il-Kunsill jimpenja ruħu sabiex jorganizza diversi korsijiet kemm għat-tfal kif ukoll għall-adulti. Il-korsijiet li normalment jiġu offruti huma korsijiet ta' arti u snajja, tagħlim tal-Kompjuter, lingwi, tisjir, kif ukoll korsijiet għall-kura ta' saħħitna. Il-Kunsill dejjem lest li jorganizza korsijiet oħra jekk ikun hemm id-domanda u għalhekk jistieden lir-residenti sabiex javviċinawh jekk jixtiequ li jiġi organizzat xi kors partikolari.

*Throughout the year the Council organizes various courses both for children and adults. The Council usually organizes courses in various arts and crafts, computer and internet, languages, cookery and health promotion amongst others. The Council is always willing to organize other courses upon request and therefore encourages residents to suggest any courses which are to their interest.*

## Skart Goff / *Bulky Refuse*

Il-Kunsill joffri ukoll servizz ta' ġbir ta' skart goff mid-djar. Biex jużaw dan is-servizz li huwa mingħajr ħlas ir-residenti għandhom iċemplu lill-Kunsill Lokali u jagħtu d-dettalji tagħhom. Il-Kunsill imbagħad jinforma lid-Dipartiment ta' l-Indafa Pubblika li jieħdu ħsieb jiġbru l-iskart goff. Materjal tal-ġnien ma jiġix aċċettat.

*The Council offers a bulky refuse service directly from residents homes. To use this service residents are requested to call the Council giving their details together with information about the items they want to dispose of. The Council will then forward the details to the Public Cleansing Section who will consequently call the residents informing them with the day and time of collection. Garden material is not accepted. This service is offered by the Council free of charge.*

## Open Skips

Servizz ieħor offrut mill-Kunsill huwa dak ta' Open Skip kull nhar ta' Sibt bejn 9am u 11am fi Triq Tumas Cassar (quddiem il-grawnd tal-futbol). Fl-open skip wieħed jista' jitfa' kull tip ta' skart goff.

*Another service offered by the Council is the open-skip service offered every Saturday from 9am to 11am in Tumas Cassar Street (infront of the football ground). This service is for any type of bulky refuse.*

## Servizzi ta' Ħlasijiet / Payment Services

Il-Kunsill jaċċetta ħlasijiet ta' kontravenzjonijiet mogħtija mill-Gwardjani Lokali u Pulizija kemm fl-Għarb kif ukoll f'lokalitajiet oħra f'Malta u Għawdex. Il-Kunsill jaċċetta wkoll ħlasijiet ta' liċenzji tal-MTA kif ukoll tal-kera ta' raba' tal-Gvern.

*The Council accepts payments of contraventions given by local wardens and police throughout Malta and Gozo. Payments for MTA licenses and Government land rent are also accepted.*

## Tindif ta' Toroq / Street Cleaning

Il-Kunsill huwa responsabbli mit-tindif tat-toroq ta' madwar ir-raħal. Dan is-servizz jiġi mogħti permezz ta' kenniesa li matul il-jum iduru madwar ir-raħal inaddfu u jaqtgħu l-ħaxix ħażin. Għalkemm il-Kunsill joffri dan is-servizz, xorta għandna nkunu konxji ta' l-ambjent ta' madwarna u nżommu t-toroq tagħna nodfa.

*It is the Council's responsibility to clean the streets found within the locality. This service is given by street sweepers from the Public Cleansing Section who go around the locality sweeping streets and cutting the grass. Although the Council offers this service residents should keep in mind that everyone's help and cooperation helps in keeping the environment we live in clean.*

## Riċiklaġġ / Recycling

Fil-lokalità nsibu faċilità ta' separazzjoni ta' skart magħrufa bħala bring in site. Din tinsab fi Triq il-Viżitazzjoni fejn il-gate ta' l-iskola fejn wieħed isib reċipjenti separati għall-karti, metal, ħġieġ u plastik. Servizz ieħor disponibbli huwa bin apposta għal rimi ta' batteriji użati li jinsab fl-uffiċju tal-Kunsill Lokali. Barra minn hekk minn din is-sena, l-Kunsill beda' jiġbor skart għar-reċiklaġġ minn wara l-bibien tad-dar kull nhar ta' Tlieta. Dan l-iskart jinġabar biss fil-boroz apposta li jinbiegħu mis-supermarkets lokali. Huwa importanti li nieħdu ħsieb l-ambjent ta' madwarna u nagħmlu użu minn dawn is-servizzi.

*In our locality we have recycle bins better known as the bring in site, found at Visitation Street next to the school gate. The bins are for the separate disposal of paper, metal, glass and plastic. A bin for the disposal of used batteries is found within the Council's office. As from last May the Council has introduced the collection of separated waste from the households and material for recycling is collected door to door every Tuesday morning. This kind of refuse is to be put in the special recycling bags which can be acquired from the local stores. It is important that we protect our environment and make use of these service.*

## Ġbir ta' Skart Domestiku

Il-Kunsill huwa responsabbli wkoll mill-ġbir normali tal-iskart bieb bieb li jsir skond l-iskeda t'hawn taht:-

**Minn Lulju sa Settembru:**

- It-Tnejn, l-Erbgħa, l-Ħamis u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fit-8am
Dan l-iskart għandu jinħareg bejn is-7am u s-7.30am
- Is-Sibt – Ġbir ta' Skart Normali però jibda' fis-2pm
Dan l-iskart għandu jinħareġ bejn is-1pm u s-1.30pm
- It-Tlieta – Ġbir ta' Skart għar-reċiklaġġ u jibda' fit-8am
Dan l-iskart għandu jinħareġ bejn is-7am u s-7.30am

**Minn Ottubru sa Ġunju**

- It-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa – Ġbir ta' skart normali u jibda' fit-8am
Dan l-iskart għandu jinħareġ bejn is-7am u s-7.30am
- Is-Sibt – Ġbir ta' Skart Normali però jibda' fis-2pm
Dan l-iskart għandu jinħareġ bejn is-1pm u s-1.30pm
- It-Tlieta – Ġbir ta' Skart għar-reċiklaġġ u jibda' fit-8am
Dan l-iskart għandu jinħareġ bejn is-7am u s-7.30am

## Refuse Collection

*The Council is also responsible for the normal door to door refuse collection and the schedule is as follows:-*

***Refuse Collection – July to September***

*• Monday, Wednesday, Thursday & Friday – Collection of Normal Refuse starting at 8am*
*The refuse should be left outside between 7am and 7.30am*
*• Saturday – Collection of Normal Refuse Starting at 2pm*
*The refuse should be left outside between 1pm and 1.30pm*
*• Tuesday – Collection of Recycled Refuse Starting at 8am*
*The refuse should be left outside between 7am and 7.30am*

***Refuse Collection – October to June***

*• Monday, Wednesday & Friday – Collection of Normal Refuse starting at 8am*
*The refuse should be left outside between 7am and 7.30am*
*• Saturday – Collection of Normal Refuse Starting at 2pm*
*The refuse should be left outside between 1pm and 1.30pm*
*• Tuesday – Collection of Recycled Refuse Starting at 8am*
*The refuse should be left outside between 7am and 7.30am*

## Ċentru ta' Matul il-Jum / *Day Care Centre*

Permezz tas-sħubija li l-Kunsill għandu fiċ-ċentru ta' matul il-jum għall-anzjani ġewwa Għajnsielem, l-anzjani kollha jistgħu jattendu dan iċ-Ċentru kull nhar ta' Tnejn. It-transport jitlaq mill-pjazza għat-8.30am. Għal aktar informazzjoni wieħed jista' iċempel lill-Kunsill Lokali.

Din hija opportunità tajba fejn l-anzjani tagħna jissoċjalizzaw u jintegraw f'ambjent maħsub apposta għalihom. Inħeggu aktar parteċipazzjoni speċjalment mill-anzjani irġiel.

*Through the membership that Gharb Local Council has in the day care centre for the elderly in Għajnsielem, elderly from Gharb may attend this day centre every Monday. The transport leaves from the main square at 8.30am. For more information one can contact the Local Council.*

*The day centre is an optimal opportunity for the elderly to socialize and integrate in a warm environment. The Council encourages more participation at the day centre especially by men.*

## Manutenzjoni tad-Dawl / *Maintenance Street Lighting*

Waħda mid-delegazzjonijiet li ġew mgħoddija lill-Kunsill f'dawn l-aħħar snin hija l-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq. Il-Kunsill huwa responsabbli minn dawk il-lampi li huwa imwaħħla mad-djar. Il-lampi l-oħra li huma *central hanging* u dawk li huma mwaħħla fuq arblu, dawn il-lampi huma responsabbilità ta' l-Enemalta. X'għandu għalhekk jagħmel ir-resident meta jara li bozza mhux qegħda taħdem sewwa? Hu faċli, r-resident għandu jikteb in-numru li hemm imwaħħal mall-bozza u jċempel l-uffiċju tal-Kunsill Lokali sabiex jirraporta. Min-naħa tiegħu l-Kunsill lill-persuna nkarigata sabiex ssir il-manutenzjoni meħtiega, jiġifieri jekk hux lill-kuntrattur tiegħu stess jew inkella lil Enemalta.

One of the delegations that has been assigned to the Council in the past years is the street lighting maintenance. The Council is responsible for the wall hanging lamps / lanterns. The other lamps which are centre hanging or on a pole fall under Enemalta's responsibility. What shall a resident do upon noting that a lamp is not working properly? It is simple, all the resident has to do is write down the number found attached to the lantern and call the Council to make the report. The Council then identifies to whom the lamp must be reported to for the necessary maintenance i.e. either report to his contractor or Enemalta.

## Permessi / *Permits*

**Il-Kunsill joħrog ukoll il-permessi segwenti:**

- Permess għal depożitu jew użu ta' Krejn jew Makkinarju fit-toroq,
- Permess għat-tpoġġija ta' materjal tal-bini jew materjal ieħor (li tinkludi ukoll tqegħid ta' skips),
- Permessi għall-Kiddie Riding Machines / Automatic Vending Machines,
- Permessi għal divertiment Okkażjonali,
- Permessi għat-tqeghid Temporanju ta' imwejjed u siġġijiet u
- Permessi għall-Kiosks kif ukoll liċenzja marbuta ma' l-applikazzjoni għas-servizz tad-dranaġġ.

Kull min ikun jinħtieġ permess ta' din ix-xorta għandu javviċina lill-Kunsill sa minn 48 siegħa qabel ma jkun ser isir ix-xogħol.

***The Council issues the following temporary permits:***

- *Permits for the deposit or use of crane or other machinery,*
- *Permits for deposit of building and other material (like for example skips),*
- *Permits for Kiddie Ride Machines or automatic Vending Machines,*
- *Permits for occasional entertainment,*
- *Permits for deposit of tables and chairs to provide food and beverages,*
- *Placement of stall or kiosk and Trenching Permits.*

*Everyone who needs one of the above mentioned permits is requested to apply at the Gharb Local Council 48 hours in advance.*




## DIĊEMBRU 2007

Fit-23 ta' Diċembru ittella' l-Programm "Ħadd fuq TVM" mir-raħal ta' l-Għarb.

23 ta' Diċembru – L-Għaqda Mużikali Viżitazzjoni bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill tellgħet kunċert ġewwa l-Knisja Parrokkjali u Bażilika ta' l-Għarb. Dan il-kunċert sar bil-parteċipazzjoni tal-kantant tenur Aldo Busuttil u tal-kantanta brava Audrey Marie Bartolo.

29 ta' Diċembru – Il-Kunsill flimkien ma' l-Arċipriet organizza l-party tal-Milied għat-tfal tal-lokalita' ġewwa s-sala tal-iskola.

## JANNAR 2008

Fit-28 ta' Jannar il-Kunsill organizza l-Karnival fil-Pjazza tar-raħal fejn ħadu sehem diversi kumpaniji taz-zfin kemm Għawdxin kif ukoll barranin. Bħala mistiedna speċjali kellna lil Joe Demicoli li għamel diversi sketches ta' ċajt.





## MARZU 2008

Fit-23 ta' Marzu, Ħadd il-Għid il-Kunsill qassam Bajd ta' l-Għid lit-tfal kollha tal-Lokalità.

Bejn it-28 u t-30 ta' Marzu l-Kunsill organizza t-tieni edizzjoni ta' Seħer il-Punent. Saru eżebizzjonijiet ta' arti u snajja kif ukoll eżebizzjoni ta' vari tal-Ġimgħa l-Kbira. Matul kull serata ittella' spettaklu bis-sehem ta' talenti lokali ġodda u oħrajn stabbiliti fosthom il-finalisti tal-kanzunetta tal-Malta Song For Europe fosthom ir-rebbieħa Morena. Barra minnhekk saru kunċerti mill-Greenfields u minn Freddie Portelli. Bħala mistiedna speċjali din is-sena kellna fostna l-grupp ZU2 mill-Ingilterra li tella' kunċert spettakolari s-Sibt filgħaxija.







## APRIL 2008

Bħala parti mill-introduzzjoni tas-separazzjoni ta' skart mid-djar il-Kunsill beda' jqassam il-boroż tar-reċiklaġġ lil kull dar tal-lokalità fl-ewwel jiem t'April. Ma' kull borża l-Kunsill qassam ukoll leaflet informattiv sabiex ir-residenti ikunu infurmati b'dak li jista' jintrema fil-boroż u kif ser tkun qed taħdem is-sistema.

Nhar il-Ħadd 20 t'April ġiet organizzata ħarġa u ikla għall-anzjani fejn saret quddiesa ġewwa l-Knisja ta' Sant'Wistin ir-Rabat u wara ikla ġewwa l-Bukkett Restaurant.

## MEJJU 2008

Fit-13 ta' Mejju beda' jsir il-ġbir ta' l-iskart separat mid-djar. Il-Ġbir tal-materjal riċiklabbli beda jsir kull nhar ta' Tlieta.

## ĠUNJU 2008

6 – 10 ta' Ġunju ġiet organiżżata safra lejn Comunita' Collinare Colli Tortonesi ġewwa Piemonte fl-Italja. Is-Sindku mexxa id-delegazzjoni komposta minn membri tal-Kunsill u residenti li waqt iż-żjara kellhom diversi inkontri uffiċjali bil-possibilità li jsir ġemellaġġ ġdid. Id-delegazzjoni kellha l-opportunita' ukoll li żżur l-belt sabiħa ta' Pisa.



## LULJU 2008

Bejn it-2 u t-8 ta' Lulju grupp ta' studenti minn Gerano ġew fostna sabiex jipparteċipaw għall-festa ta' l-Għarb. Dawn kellhom programm organizzat fejn ħadu sehem fl-attivitajiet tal-festa u saru ukoll diversi ħarġiet kulturali ġewwa Għawdex u Malta.

Fis-6 ta' Lulju fl-okkażjoni tal-festa tar-raħal inżammet is-seba' edizzjoni tal-Infiorata fuq iz-zuntier tal-Knisja. It-temi ta' din is-sena kienu l-Ġemellaġġ il-Ġdid ma' Castrolibero u dak li ilu mwaqqaf ma' Gerano, il-Kappella ta' San Publiju u dik taż-żejt u Karmni Grima fl-egħluq tal-125 anniversarju minn meta kellmitha l-Madonna.



Fit-tieni ġimgħa ta' dan ix-xahar il-Kunsill beda' l-korsijiet ta' matul is-Sajf. Il-korsijiet li ġew organizzati din is-sena kienu dawk fil-Pottery, Mosaic, Oil & Water Painting, Basic Art u Cookery għat-tfal.







Nhar il-Erbgħa 9 ta' Lulju l-Kunsill laqa' grupp ta' anzjani minn Ħaż-Żabbar Malta li ġew iżuru r-raħal tagħna fosthom il-Knisja ta' Pinu u l-mużewijiet ta' Frenċ ta' l-Għarb u Karmni Grima.



Nhar il-Ħamis 17 ta' Lulju, saret laqgħa ġewwa l-Uffiċju tal-Kunsill ma' l-Onorevoli Dr Chris Said, Segretarju Parlamentari għad-Djalogu u Informazzjoni Pubblika.



## AWISSU 2008

16/17 t'Awissu – Ġie organizzat Art & Wine Festival ġewwa l-Villaġġ tas-Snajja ta' Dbieġi. Għal din l-okkażjoni il-Kunsill ġab il-grupp folkloristiku Dezere minn Enna ġewwa Sqallija fejn il-Kunsill għandu relazzjoni ta' koperazzjoni.

29 t'Awissu – Ġie organizzat Jum l-Għarb bis-sehem ta' diversi talenti lokali kemm żgħar kif ukoll kbar. Ingħata Premju Għarb lil Dun Gammarija Cauchi, Premju Qlub Ġenerużi lil Salvina Portelli u Premju Volontarjat Lokali lil Luigia Mercieca. Dan il-Premju ingħata għall-ewwel darba din is-sena. Il-Premju The Għarb Gozitan Cultural Award ingħata lil Morena għat-talent tagħha fil-Kant u lil Katrin M. Pavia għas-suċċess miksub fil-qasam tal-imudellar.







## SETTEMBRU 2008

23 ta' Settembru – Ġiet organizzata Ħarga għall-Malta. Grupp sabiħ ta' madwar 40 persuna attendew u żaru ir-raħal ta' Ħaż-Żabbar fejn semgħu il-quddies ġewwa s-Santwarju. Il-grupp kien ospitat fil-Kunsill ta' Ħaż-żabbar fejn ingħataw xi refreshments. Il-ħarġa inkludiet ukoll żjara lill-monti tal-Birgu u ikla ta' nofsinhar ġewwa l-Casino Dragonara ta' San Ġiljan.

## OTTUBRU 2008

16 t'Ottubru – Il-Kunsill bil-kollaborazzjoni tal-iskola tal-Arti żamm lecture dwar l-arti tal-bizzilla minn għalliema Taljana ġewwa l-Kunsill. Attendew kemm residenti mill-Għarb kif ukoll oħrajn minn irħula oħra Għawdxin.



16 t'Ottubru –Il-Kumitat Monument Papa Ġwanni Pawlu II flimkien mall-Kunsill organizzaw kunċert ġewwa il-Knisja Bażilika ta' l-Għarb liema kunċert sar mill-Willington School Boy's Choir mill-Ingilterra. Dan il-kuncert sar fl-okkazjoni tat-30 sena mill-Pontifikal tal-Papa Ġwanni Pawlu II kif ukoll fit-tieni anniversarju mill-waqfien tal-Monument ddedikat lill-istess Papa.





24 t'Ottubru - Il-Kunsill bil-parteċipazzjoni tat-tfal ta' l-Iskola Primarja Karmni Grima ha sehem fil-Kampanja favur l-ambjent, 'Clean up the world'.

24 t'Ottubru – Bħala parti mill-kampanja dinjija favur is-saħħa tas-sider, il-Kunsill bil-kollaborazzjoni ta' Breast Care Support Group Europa Donna organizza laqgħa ta' tagħrif dwar il-kura tas-sider ġewwa s-sala tal-Kunsill.

31 t'Ottubru – Fuq inizjattiva tas-Sindku David Apap, għall-ewwel darba ġie organizzat festin ta' Halloween għat-tfal. L-attività li għaliha it-tfal attendew bi ħġarhom inżammet fis-sala tal-Kunsill fl-atmosfera tal-qara ħamra li t-tfal ingħataw mill-Kunsill u li huma stess żejnu. Waqt il-festin it-tfal ġew murija film u ingħataw l-ikel.



## NOVEMBRU 2008

5 ta' Novembru – Saret laqgħa dwar is-Sigurta' fl-Ikel ġewwa l-Kunsill fejn uffiċjali mediċi mid-Dipartiment tal-Health Promotion taw preżentazzjoni dwar dan is-suġġett.

7 ta' Novembru – Fuq inizjattiva tas-Sindku David Apap grupp ta' nisa attendew għal eżami tas-sider ġewwa klinika privata f'Għawdex. Il-Kunsill ta' inċentiv lil kull min xtaq jattendi billi organizza l-attività u ta' sussidju fil-prezz.

13 ta' Novembru – Ġiet mogħtija l-labra ta' l-Influwenza lir-residenti ġewwa l-Kunsill Lokali Għarb.

22 ta' Novembru – Franklin Farrugia żgħażugħ mill-Għarb attenda għaċ-ċerimonja taż-Żgħażugħ tas-Sena organizzata mill-Fondazzjoni Oasi ġewwa l-Kempinski Hotel San Lawrenz. Franklin ġie innominat mill-Kunsill Lokali Għarb.

23 ta' Novembru – Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-Karta ta' Aalborg waqt Ċerimonja li saret fiċ-Ċentru ta' l-Arti fiċ-Ċittadella. Permezz ta' din il-karta li ġiet iffirmata mill-Kunsilli kollha Għawdxin il-Kunsilli qablu li jkomplu jaħdmu favur żvilupp sostenibbli fil-lokalitajiet kollha Għawdxin.



## DIĊEMBRU 2008

6 – 12 ta' Diċembru – Fl-okkażjoni tal-15-il Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali ġiet imtella' wirja ta' arti fil-Banca Giuratale. Il-Kunsill Lokali Għarb kien rappreżentat permezz ta' xogħolijiet ta' arti mill-artisti residenti Michael Bajada, Mario u Ruben Camilleri Cauchi u Victor Spiteri.

7 ta' Diċembru – Fl-okkażjoni tal-15-il Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali, is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Carmen Vella ħadu sehem f'Mixja simbolika fil-Belt Valletta, konċelebrazzjoni fil-konkatidral ta' San Ġwann u Riċeviment ġewwa Kastilja f'egħluq il-15-il sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

12 ta' Diċembru – Tfal mill-iskola Primarja Karmni Grima taw is-sehem tagħhom fit-tiżjin tas-Siġra tal-Milied fil-Pjazza. Id-dekorazzjonijiet saru mit-tfal innifishom minn materjal irriċiklat.

28 ta' Diċembru – Attività sorpriża, Banda ferħet lil pubbliku b'innijiet tal-Milied madwar it-toroq tal-lokalità.

29 ta' Diċembru – Festin tal-Milied għat-tfal kollha tal-lokalità bil-kollaborazzjoni tal-parroċċa.

Extract from Audited Financial Statements for year ended 31st March 2008
**Estratt mill-Audited Financial Statements għas-Sena li għalqet fil-31 ta' Marzu 2008**
Statement of income and expenditure **Rapport ta' dħul u nfiq**

| Note / *Noti* | 2007-087 / € |
|---|---|
| Income / **Dħul** | |
| Funds received from government / **Allokazzjoni mill-Gvern** | 176,172 |
| Local enforcement system income / **Dħul mis-sistema tal-infurzar lokali** | 0 |
| Investment Income / **Dħul minn Investiment** | 746,00 |
| General Income / **Dħul Ġenerali** | 49,415 |
| | 226,333 |
| Expenditure / **Infiq** | |
| Personal Emoluments / **Emolumenti Personali** | 45,409 |
| Operations and Maintenance - schedule a / **Operazzjoni u Manutenzjoni - skeda a** | 56,472 |
| Administration and other expenditure - schedule b / **Amministrazzjoni u nfiq ieħor - skeda b** | 117,975 |
| | 219,856 |
| Surplus for the year / **Bilanċ favorevoli għas-sena** | 6,477 |

# Operations and maintenance / Operazzjoni u Manutenzjoni

**Skeda / Schedule A**

| Operations and maintenance / **Operazzjoni u Manutenzjoni** | 2007-08 / € |
|---|---|
| **Repairs and upkeep /Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb** | |
| Road and street pavements / **Toroq u bankini** | 14,558 |
| Repairs and upkeep / **Tiswijiet u żamma fi stat tajjeb** | 4,798 |
| Office furniture and equipment / **Għamara u apparat tal-uffiċju** | 327 |
| Signs & Road Markings / **Sinjali u Marki tat-Toroq** | 637 |
| Other / **Oħrajn** | 148 |
| | 20,468 |
| Contractual services / **Servizzi Kuntrattwali** | |
| Refuse collection / **Ġbir ta' skart domestiku** | 8,901 |
| Bulky refuse collection / **Servizz ta' bulky refuse** | 301 |
| Road and street cleaning / **Tindif ta' toroq** | 3,741 |
| Hire of Skips / **Kiri ta' skips** | 3,156 |
| Bring in sites / **Reċiklaġġ** | 3,501 |
| Cleaning and Maintenance - public conveniences / **Tindif u Manutenzjoni ta' latrini pubbliċi** | 4,441 |
| Cleaning and Maintenance - soft areas / **Tindif u Manutenzjoni ta' areas bil-ħamrija** | 1,865 |
| Cleaning and Maintenance – non urban / **Tindif u Manutenzjoni ta' toroq non-urban** | 1,209 |
| Cleaning & maintenance – council premises / **Tindif u manutenzjoni ta' bini tal-Kunsill** | 948 |
| Local Enforcement system expenses / **Spejjeż marbuta mas-sistema ta' LES** | 0 |
| Street Lighting / **Dawl tat-toroq** | 4,935 |
| Others / Oħrajn | 3,006 |
| | 36,004 |
| | 56,472 |

**Skeda / Schedule B**

| Administration and other expenditure / **Amministrazzjoni u infiq ieħor** | 2007-08 / € |
|---|---|
| Utilities / **Servizzi tal-bżonn** | 5,506 |
| Materials & Supplies / **Materjal u provvisti** | 734 |
| National & International memberships / **Sħubija** | 105 |
| Office Services / **Servizzi tal-Uffiċju** | 6,175 |
| Transport / **Trasport** | 1,371 |
| Lease of equipment / **Kera ta' apparat** | 699 |
| Information services / **Servizzi informattivi** | 3,212 |
| Professional services / **Servizzi Professjonali** | 2,769 |
| Community services & events / **Servizzi lill-komunità u attivitajiet** | 56,158 |
| Sundry espenses / **Spejjeż żgħar** | 3,548 |
| Rent / **Kera** | 233 |
| Depreciation / **Deprezzament** | 37,507 |
| Sponsorships & donations / **Donazzjonijiet** | 408 |
| Profit on disposal of tangible assets / **Qligħ mit-tneħħija ta' assi tanġibbli** | (0) |
| | 117,975 |

# Ricetti



Liza Frendo

## Torta tal-Gambli





**Ingredjenti:**
- 450g. patata mash
- 2 imgħaref dqiq
- 3 isfra tal-bajd
- 4 imgħaref ġobon maħkuk
- kuċċarina melħ
- kuċċarina noċemuskata (nutmeg)
- 4 imgħaref żejt
- 225g. gambli
- 4 iqlub tal-qaqoċċ imqattgħin
- 10 żebbuġiet mingħajr għadma
- 2 bajdiet mgħollija, imqattgħin
- kuċċarina kappar

**Metodu:**
1. Saħħan il-forn għal temperatura ta' 200°C, 400°F jew gas mark 6.
2. Ħallat il-patata mash mad-dqiq, l-isfar tal-bajd, ġobon maħkuk, melħ u nutmeg.
3. Ferrex żewġ terzi mit-taħlita tal-patata mash ġo dixx imdaqqas u mhux għoli ħafna.
4. Saħħan iż-żejt ġo taġen u aqli l-gambli. X'ħin isiru, poġġihom fuq it-taħlita tal-patata mash fid-dixx.
5. Fuqhom poġġi l-qlub tal-qaqoċċ, żebbuġ, il-bajd imqatta' u l-kappar.
6. Għatti bil-bqija tat-taħlita tal-patata mash. Agħmilha lixxa b'sikkina u idlikha bi ftit isfar tal-bajd.
7. Aħmi għal madwar 20-25 minuta. Serviha sħuna.

## Bake Cheese Dreams

**Ingredjenti:**
- 50g butir
- 6 biċċiet tal-ħobż (slices)
- 100g ġobon cheddar, maħkuk
- bajda mħabbta
- 6 biċċiet bacon
- bżar u melħ

**Metodu:**
1. Qabbad il-forn u saħħan għal temperatura ta' 220°C, 425°F jew gas mark 7.
2. Idlek il-butir fuq il-ħobż.
3. Ħallat flimkien il-bajda, il-ġobon, il-bżar u l-melħ. Ferrex din it-taħlita fuq il-ħobż.
4. Obrom kull biċċa ħobż u orbotha bi spaga; waħda kull naħa.
5. Poġġi l-ħobż ġo dixx midluk bil-butir u għatti kull roll tal-ħobż b'biċċa bacon.
6. Sajjar fil-forn għal madwar 5 minuti jew sakemm tara li l-ħobż ħa daqsxejn kulur. Neħħi l-ispag qabel ma sservi.



# Is-Sħab

Darba, kien hemm tifla jisimha Sweety. Għodwa waħda kienet ftit ma tiflaħx, u ommha ma bagħtitiex skola. Ħin minnhom, indunat li Sweety, qiegħda kwieta tħares lejn is-sema. "X'qed tara, binti?" staqsietha. Sweety wieġbet "Ma, għaliex illum ix-xemx ma ġietx iżżurna? Jaqaw irrabjata għax jien ma mortx skola?" Ommha weġbitha: "Binti, ix-xemx qiegħda hemm, iżda tinsab mgħottija minn sħab oħxon u għalhekk ma nistgħux narawha." It-tifla qalet: "Mama, it-tiċer qaltilna li mingħajr ix-xemx, kollox imut. Qaltilna wkoll li x-xemx hi l-għajnejn ta' Alla li bihom jara kollox, Allura għax ħalla s-sħab jgħatti lix-xemx? Issa Alla ma jista' jara xejn fid-dinja." Ommha ħaddnet lill-bintha magħha u qaltilha "Binti, għandna bżonn ix-xemx kif ukoll is-sħab. Bla sħab, la jkollna xita u l-anqas ilma li mingħajru, ma jkunx hawn ħajja." Ftit wara, bdiet nieżla xita bil-qliel, ragħad u beraq u riħ qawwi tant li Sweety ħasbet li kollox se jinqered.





Wara nofsinhar, ix-xita u l-maltemp waqfu. Sweety ħarġet tiġri barra u b'ferħ kbir, semgħet l-għasafar isaffru waqt li ttajru barra mill-bejta, is-siġar u l-ward kienu jidhru friski u sbieħ, bil-qtar tax-xita jleqq fuqhom qishom djamanti, waqt li x-xemx ħarġet ġo sema ikħal u ċar. Dehret ukoll qawsalla sabiħa li tbissmet lil Sweety. Din sejħet lil ommha u waqt li wrietha il-ġmiel ta' madwarha qalet. "Kieku m'għamlitx ix-xita li niżlet minn dak is-sħab oħxon ma kontx nara l-qawsalla." Issa qiegħda nifhem li x-xemx kienet dejjem fis-sema, imma kienet moħbija mis-sħab oħxon li minnu niżlet ix-xita u sebbħet il-ħolqien kollu."

**Tagħlima:- Iva, ix-xemx (Alla) huwa dejjem fil-ħajja tagħna, anke meta jkun moħbi fid-dalma tad-dwejjaq, mard u qtigħ il-qalb li minnhom joħroġ ħafna ġid spiritwali.**

**Esther Mizzi**

## F'għeluq il-100 Sena mit-Twelid ta'
## FRANĠISKU CAUCHI
## 10-01-1909 – 10-01-2009

Illum l-Għarb kollu qed jifraħ
Ma' Franġisku l-barba tagħna,
Għaliex dan ix-xwejjaħ twajjeb
Qed jagħlaq Mitt Sena magħna!

Bin Marija u Ġużeppi
Kienu b'kollox seba' wlied
Li trabbew b'imħabba w għożża,
Bla ksuħat u mingħajr fsied.

Maż-żmien kiber u iżżewweġ
U intrabat ma' Marija
U mal-ħdax l-ulied li welldu
Għexu dejjem fit-tgawdija.

Tlieta minn dawn mietu ħesrem
U ittajru lejn il-Ġenna,
Fejn xi darba għad immorru
Fejn kull qalb żgur hemm tithenna!

Lil Marija u Franġisku
Alla żejjen b'saċerdot;
Fil-Brażil insibuh jaħdem
U jistinka w jgħin b'kull mod.

Fr Alex, Fr Christopher,
Huma żewġ nepputijiet
Li flimkien ma' tlettax oħra
Illum joffru t-talbiet

Biex lin-nannu, Alla jbierek,
U jkompli jżejnu bis-snin
U flimkien ma' ta' madwaru
Jiemu jgħix dejjem ħenjin!

Meta kien Franġisku iżgħar
Kont issibu sagristan,
Jgħin fil-knisja u fl-inħawi --
Bil-pjaċir kien jagħmel dan.

Franġisk naf l'int devot sewwa
Ta' Ġorġ Preca w San Ġużepp,
Tħobb ħafna 'l Dun Ġużepp Cauchi,
Lil dawn tgħożż aktar mid-deheb!



Issa 'addio' l-passatempi
Li kont tagħmel ġewwa d-Dwejra,
Tgħaddi l-ħin, tagħmel xi sajda,
Waqt li d-dgħajjes ġejja w sejra.

Dan il-jum ħabib Franġisku,
Qis illi ma tinsa qatt!
Hawn imdawwar bil-familja,
Bik illum jifraħ kulħadd.

*Kav Joe M Attard*

INFO LINE: 2156 0556
WEB: WWW.GHARBNET.COM

# Seħer il-Punent 09

## 19, 20, 21 u 22 ta' Marzu

**Festa għall-familja kollha**

